MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 541/2014

**Banif Bank Malta plc**
**(C 41030)**

**Vs**

**Joseph Casha**
**(ID 511774M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Awissu, 2014 illi l-konvenut hu debitur tal-kumpanija attrici fis-somma t'elf mija u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,150.42) liem' somma tikkonsisti fis-segwenti:

1. Fuq il-Credit Card Nru. 4196796000058437 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni markata bhala Dok. 'A'), hemm dovut l-ammont ta' disa' mija, sitta u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€956.240 li sat-30 ta' Gunju, 2014 kien jinkludi mghaxijiet ta' seba' Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€7.82) (ara l-istatement bankarju market Dok. 'B');

2. Fuq il-Current account Nru. 252050.10.001 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-account opening form markata Dok. ‘C’), hemm dovut l-ammont ta’ mija, erbgha u disghin ewro u tmintax-il centezmu (€194.18) li sat-30 ta’ Gunju 2014 kien jinkludi mghaxijiet t’Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1.55) (ara l-istatement bankarju market (Dok. ‘D’) dan l-ammont jikkonsistit fi spejjez relatati mal-ammont doqvut fuq il-Credit Card fuq imsemmija;

Is-somma mitluba f’din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini ta’ l-Artikolu 11(f) tal-Conditions of Use marbuta mal-Credit Card (ara Dok E) u t’Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok F) u t’Artikolu 6 tal-Conditions of use (ara Dok G) marbuta mal-Current Account;

Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz ta ittra legali datata 26 ta’ Gunju, 2013 (ara Dok H) u ittra ufficjali numru 2493/2013 (ara Dok I) mahrugha a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Matla u prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (din l-ahhar ittra baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex issir dan), izda dan baqa’ inadempjanti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogghbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma ta’ €1,150.42 u li konsegwentament jikkundanna lil l-istess konvenut ihallas lil l-istess kumpanija attrici din is-somma;

Bl-imghaxijiet mit-30 ta’ Gunju, 2014, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta’ tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Credit Card u bir-rata ta’ ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Current Account u kif ukoll kwalsiasi’ charges and fees dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenut; u dan kollu skond kif jinghad fil-Conditions of Use (imsemmija aktar ‘l fuq) u t-Tariff of Charges (ara Dok J) relattivi ghall-Credit Card u fit-Terms and Conditions of Use (imsemmija aktar ‘l fuq) u t-Tariff of Charges (Ara Dok K) ralattivi ghall-Current Account.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma’ din il-kawza;

Il-konvenut qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'riserva ghall-pretenzjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, il-konvenut baqa ma deherx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Xehed Elmer Grech bhala rapprezentant tas-socjeta' attrici li bil-gurament tieghu 'kkonferma li l-ammont ghadu dovut u ma thallasx.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u hamsin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,150.42), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, ikluzi dawk tal-ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------